

## V

(Avviżi)

**PROĊEDURI DWAR L-IMPLEMENTAZZJONI TAL-POLITIKA TAL-KOMPETIZZJONI**

**IL-KUMMISSJONI EWROPEA**

**Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni**

**(Il-Każ M.9619 — CDC/EDF/ENGIE/La Poste)**

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2020/C 180/10)

1. Fid-19 ta' Mejju 2020, il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 (¹).

Din in-notifika tikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

- Il-Caisse des dépôts et consignations (is-“CDC”, Franza),
- EDF Pulse Growth Holding (Franza), li tappartjeni għall-grupp Electricité de France (“EDF”),
- ENGIE (Franza),
- La Poste SA (Franza) li tappartjeni għall-grupp La Poste, ikkontrollata mis-CDC.

Is-CDC (inkluża La Poste), EDF u Engie jakkwistaw, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) u l-Artikolu 3(4) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll bi sħab ta' Archipels, kumpanija ġidha li għadha kemm twaqqfet.

Il-konċentrazzjoni hija mwettqa permezz ta' xiri ta' ishma f'kumpanija maħluqa ġidha li tikkostitwixxi f'impriża bi sħab (joint venture, JV).

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

- is-CDC huwa grupp pubbliku li jwettaq kompiti ta' interess ġenerali b'appoġġ għall-politiki pubbliċi mmexxija mill-Istat u mill-awtoritajiet lokali.
- EDF hija attiva principally fi Franza u barra mill-pajjiż fis-swieq tal-elettriku. Fis-settur ta' fiduċja diġitali, l-unika attività ta' EDF hija li tipprovd mingħajr ħlas, għodda ta' EDF li tħaddem katina ġenerali, li tippermetti li jiġi vverifikat li stqarrija għall-istampa maħruġa minn EDF tkun awtentika.
- ENGIE hija grupp industrijali u ta' servizzi fil-livell internazzjonali, attiv f'xogħliljet tal-gass, tal-elettriku u f'servizzi tal-enerġija. Dan il-grupp mhuwiex attiv fis-settur tal-fiduċja diġitali.
- La Poste hija l-operatur storiku tas-servizz postali fi Franza, organizzat fħames fergħat ewlenin ta' attivitajiet, fosthom il-fergħa ta' La Banque Postale, li twettaq attivitajiet bankarji u tal-assigurazzjoni u l-fergħa Diġitali li tiżviluppa soluzzjonijiet u servizzi diġitali, b'mod partikolari permezz ta' Docaposte li tiproponi offerti ta' identifikazzjoni tal-klijent, firem elettroniċi u ċertifikazzjoni.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet.

<sup>(¹)</sup> ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-“Regolament dwar l-Għaqdiet”).

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Dawn il-kummenti jeħtieġ li jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara id-data ta' din il-publikazzjoni. Jinħtieġ li r-referenza li ġejja dejjem tiġi speċifikata:

M.9619 — CDC/EDF/ENGIE/La Poste

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-email, permezz tal-faks jew permezz tal-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Faks +32 22964301

Indirizz postali:

Commission européenne  
Direction générale de la concurrence  
Greffé des concentrations  
1049 Bruxelles/Brussel  
BELGIQUE/BELGIË

---